

Melina Mercouri: Attriċi, politiku u promotriċi tal-kultura (1920-1994)



L-attriċi u l-politiku Griega Melina Mercouri daħħlet entusjażmu u passjoni f'dak kollu li għamlet; minn issebbat il-palk u l-iskrin fil-bidu ta' ħajjitha, għall-ġlieda tagħha kontra il-ġunta faxxista li ħadet il-kontroll tal-Greċja fl-1967 u għall-kampanja tagħha favur il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-kultura bħala politiku.

Mercouri kienet attriċi ewlenija tat-teatru fil-Greċja qabel ma saret stilla taċ-ċinema internazzjonali bil-prestazzjoni tagħha li rebbitilha l-unuri, f'"Never on Sunday". Hija daħlet fil-politika bil-kolp ta' stat fil-Greċja tal-1967 u wara għaddiet is-snin iddur id-dinja tikkampanja favur it-tneħħija tal-ġunta tal-kurunelli. Wara li ġiet lura d-demokrazija fl-1974, Mercouri rritornat f'pajjiżha biex tibda karriera politika. Hija saret l-Ministru tal-Kultura tal-Greċja li damet l-aktar fil-kariga u fir-rwol tagħha bħala difensur tal-kultura Griega u Ewropea kellha ħafna kisbiet, speċjalment bil-ħolqien tal-inizjattiva tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

Imwiela f'familja prominenti ta' Ateni fit-18 ta' Ottubru 1920, Maria Amalia "Melina" Mercouri donnha kienet destinata li tidħol fil-politika bħal missierha, il-Ministru tal-partit tax-Xellug Magħqud Demokratiku Stamatis Mercourt, u n-nannu tagħha, Spyros Mercourt, li kien sindku ta' Ateni. Kieku dan kien juri li kien il-każ, iżda kien biss wara erba' deċennji li bdiet tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-politika, filwaqt li kellha rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-ġunta li ħadet il-kontroll tal-Greċja wara kolp ta' stat militari fl-1967.

Qabel ma daħlet għal din l-epifanija politika, Melina kienet waħda mill-atturi l-aktar famużi fil-Greċja. Sena wara li ggradwat mill-skola tad-drama fl-1944, ħadmet ir-rwol ta' Elettra f'*Mourning Becomes Electra*, produzzjoni ta' Eugene O' Neill's fit-Teatru Nazzjonali. Ir-rwol li vermanet taha isem kien dak ta' Blanche Dubois fil-produzzjoni tal-1949 ta' *A Streetcar Named Desire* ta' Tennessee Williams. Ftit wara, Mercouri marret Pariġi fejn għexet u ħadmet ta' attriċi sakemm marret lura l-Greċja fl-1955. Matul perjodu tal-karriera tagħha fejn dehret f'drammi klassiċi bħal f'*Macbeth* ta' Shakespeare u f'*L'Alouette* ta' Anouilh, hija ngħaqdet mal-moviment tat-trade union tal-atturi tat-teatru u bdiet il-vjaġġ politiku tagħha.

Il-karriera tal-films ta' Mercouri bdiet fl-aħħar tas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor u sabet l-akklamazzjoni internazzjonali tagħha fl-1960 bir-rwol ta' Ilia f'*Never on Sunday*, li għalih ġiet innominata għall-Oscar. Għall-istess rwol hi rebħet il-premjura tal-Aqwa Attriċi f'Cannes fl-1960. Hija reġgħet tat spinta lil dan ir-rwol bil-verzjoni tagħha fuq il-palk ta' Broadway fl-1967. Kien waqt li kienet qed taħdem f'dan it-teatru fi New York, fil-21 t'April, li grupp ta' uffiċjali tal-armata tal-lemin, immexxi mill-Brigadier General Stylianos Pattatos u l-Kurunelli George Papadopoulos u Nikolaos Makarzos, li ħatfu l-poter fil-Greċja f'kolp ta' stat. Mill-ewwel Mercouri saret waħda mill-aktar mexxejja prominenti tal-moviment espatrijat li riedu jwaqqgħu l-ġunta bil-konsegwenza li ċ-ċittadinanza Griega tagħha ġiet revokata minn Patakos. Ir-risposta famuża tagħha għal dan kienet: "*Jien Griega twelidt u Griega se mmut. Patataos faxxist twieled u faxxist se jmut*".

Matul is-seba' snin tal-ħakma tal-ġunta, Melina vvjaġġat b'mod estensiv biex tikkampanja kontra d-dittatorjat, ixxerred l-għarfien dwar is-sitwazzjoni fil-Greċja u tappella għall-iżolament u t-tneħħija tal-kurunelli. Din l-oppożizzjoni pronunzjata wasslet għal attentat ta' qtil fuqha f'Ġenova, l-Italja, iżda Mercouri ma ċedietx u kompliet bil-kampanja kontra l-ġunta qabel sakemm waqgħet fl-1974.

Wara li d-demokrazija ġiet lura, Mercouri rritornat lejn il-Greċja fejn għenet biex tiffirma il-Partit Soċjalista Pan Elleniku (PASOK) u ġiet involuta b'mod attiv fil-moviment tan-nisa tal-pajjiż. Hija saret membru tal-Kumitat Ċentrali tal-partit u fl-1977 ġiet eletta fil-Parlament bl-ogħla għadd ta' voti fil-Greċja kollha. Wara din ir-rebħa, iddedikat l-enerġija kollha tagħha għall-politika u l-kultura.

Meta l-partit tagħha rebaħ l-elezzjonijiet tal-1981, Mercouri nħatret Ministru tal-Kultura, kariga li żammet għal 8 snin li matulhom gābet il-portfolju tal-kultura fuq quddiem nett tal-politika Griega. Il-kisbiet tagħha bħala Ministru tal-Kultura biddlu l-pajjiż tagħha: mill-integrazzjoni tas-siti arkeoloġiċi ta' Ateni f'żona ħielsa mit-traffiku, bl-introduzzjoni ta' aċċess ħieles għall-mużewijiet u s-siti arkeoloġiċi għaċ-ċittadini Griegi bħala parti minn sforz edukattiv ġenerali. Hija nediet il-kampanja għar-ritorn tal-irħam tal-Parthenon li kienu għall-wiri fil-British Museum u, kif wieħed jista' jobsor, hija ppromoviet b'mod attiv it-teatru u ċ-ċinema Griegi.

Waħda mill-akbar kisbiet tagħha kienet it-twaqqif tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, b'Ateni tintgħażal bħala l-ewwel kapitali fl-1985. Din segwiet laqgħa li organizzat mal-Ministri tal-Kultura tal-għaxar Stati Membri tal-UE matul l-ewwel presidenza Griega tal-Kunsill fl-1983. Filwaqt li rrimarkat li għalkemm ma kien hemm l-ebda referenza għal kwistjonijiet kulturali fit-Trattat ta' Ruma, li stabbilixxa l-Komunità Ekonomika Ewropea (il-prekursur tal-UE), Mercouri hegġget lill-ministri l-oħra biex jingħaqdu magħha fl-isforzi biex jiżdied l-għarfien kulturali fl-Ewropa kollha. Din kienet l-ewwel laqgħa minn dawk li kellhom isiru laqgħat regolari bejn il-Ministri tal-Kultura tal-Ewropa, li għadhom għaddejnin.

L-involviment ta' Mercouri u fl-Ewropa u l-influwenza tagħha fuqha żdiedu fl-1988 matul it-tieni presidenza Griega tal-Kunsill meta bdiet tagħmel kampanji għal djalogu u kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant fi żmien ta' taqlib kbir. Hekk kif intemmet il-Gwerra Bierda u l-Purtiera tal-Ħadid inqerdet, Mercouri kienet xprunatur ewlieni tal-inizjattiva tax-Xahar Kulturali Ewropew, li tnediet fl-1990 u li tiffoka b'mod partikolari fuq il-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Mercouri kompliet bix-xogħol tagħha ta' attriċi fuq il-palk fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu l-ieħor filwaqt li kienet għadha membru tal-parlament. Meta il-PASOK reġa' ħa l-poter fl-1993, Mercouri rritornat fil-Ministeru tal-Kultura, fejn iffukat fuq l-istabbiliment ta' rabtiet bejn il-kultura u l-edukazzjoni fil-livelli kollha.

Melina Mercouri mietet fis-6 ta' Marzu 1994. Hija ħalliet warajha lil żewgħa, id-direttur tal-films Jules Dassin, li miegħu ħadmet b'mod regolari matul il-karriera tagħha.